MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 413/1996/1

**Annunziata sive Nancy Caruana**

**vs**

**Odette Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi fit-3 ta' Lulju 1994 fis-1.30 a.m., waqt li hija kienet passigiera fil-vettura Peugeot 106 numru tar-registrazzjoni W-7009(M), misjuqa mill-konvenuta, l-istess vettura kienet

involuta f'incident stradali f'Valletta Road, Zurrieq (ara Dokument A); illi l-istess incident gara unikament tort tal-konvenuta; illi b'rizultat tal-imsemmi incident, l-attrici sofriet danni, fosthom feriti fuq il-persuna li jikkostitwixxu dizabilità permanenti (Dokumenti B, C, D u E) kif ukoll danni ohra u spejjez inkorsi minhabba l-kura li kellha bzonn, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza (ara Dokumenti F, G u H - u dokumenti ohra li jigu prodotti waqt il-kawza); illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici hija unikament responsabbli l-konvenuta, li saqet il-vettura taghha, b'imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku; illi l-konvenuta giet debitament interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attrici, permezz ta' ittra legali tas-16 ta' Dicembru 1994 (Dokument I); illi l-kumpanija tal-assikurazzjoni Citadel Insurance Services Limited, bhala agenti lokali tal-kumpanija estera Assitalia, Le Assicurazione d'Italia S.p.A., li maghha l-konvenuta kienet assikurata fiz-zmien tal-incident, b'ittra miktuba f'isem l-istess konvenuta fid-29 ta' Marzu 1995 (Dokument J) accettat b'certa rizerva ir-responsabbiltà ghall-istess incident, izda sussegwentement b'ittra tal-Avukat Dottor Patrick Galea tal-5 ta' Dicembru 1995, infurmat lill-attrici differentement, kif jirrizulta mill-istess ittra (Dokument K); illi ghalhekk il-konvenuta baqghet sa llum ma resqitx ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attrici; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: (1) tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fit-3 ta' Lulju 1994, fis-1.30 a.m. f'Valletta Road, Zurrieq, f'liema incident l-attrici sofriet danni, inkluzi feriti fuq il-persuna u danni ohra konsegwenzjali u kwindi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli wkoll ghall-istess danni; (2) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici b'rizultat tal-istess incident stradali; (3) tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attrici s-somma li tigi hekk likwidata u dana bl-interessi mid-data tan-notifika tal-prezenti citazzjoni; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Dicembru, 1994, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Lulju 1994 f'Valletta Road, Zurrieq, ma kienitx responsabbli ghalih;

2. Illi minghajr pregudizzju, hija mhix responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li sofriet l-attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tlettax (13) ta' Frar, 2001 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:

"… tichad l-eccezzjonijiet tal-kovenuta u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:
(1) tiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fit-3 ta' Lulju 1994 fis-1.30 a.m. f'Valletta Road, Zurrieq, f'liema incident l-attrici sofriet danni, inkluzi feriti fuq il-persuna u danni ohra konsegwenzjali u kwindi hija responsabbli wkoll ghall-istess danni;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attrici b'rizultat ta' l-istess incident stradali fl-ammont ta' Lm30,1174.45, u

(3) tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attrici din is-somma ta' Lm30,174.45 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Din il-kawza tirrigwarda danni pretizi mill-attrici wara incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Lulju 1994 f’Valletta Road, Zurrieq, waqt li hija kienet passiggiera mal-konvenuta li kienet qed issuq il-karozza taghha tal-marka Peugeot 106 numru W-7009. Fic-citazzjoni l-attrici ssostni li l-incident gara unikament tort tal-konvenuta filwaqt li l-konvenuta eccepiet li ma kienitx responsabbli ghall-istess incident.

“Dwar kif sehh l-incident il-partijiet ftit kellhom xi jghidu:

“Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha (a fol. 3) l-attrici tghid li l-konvenuta saqet il-vettura taghha b’imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Fis-seduta mizmuma mill-assistenta gudizzjarja fit-18 ta’ Frar 1999 xehdet li bhalma kien isir normali hi u l-konvenuta hargu s-Sibt filghaxija u ftehmu li jmorru Gianpula. Hemm iltaqghu ma’ tlett ihbieb ohra. Ghall-habta tas-1.00 a.m. iddecidew li jirritornaw id-dar. Kienet qed issuq il-konvenuta u l-ewwel wasslu habiba taghhom, certa Cinzia Degabriele, il-Fgura u minn hemm baqghu sejrin iz-Zurrieq. Ikkonfermat li ma kenitx liebsa *seat-belt*. Hija qalet li tiftakar li rat id-dawl ta’ l-ajruport izda wara ma tiftakarx iktar. Stenbhet l-Isptar ghalkemm tiftakar xi mument li kien hemm xi trazziz [?] tahseb tac-cinturin ta’ l-ambulanza.

“Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha (a fol. 28) il-konvenuta kkontestat ir-responsabbiltà ghall-incident. Fix-xiehda taghha quddiem l-assistenta gudizzjarja fil-11 ta’ Marzu 1999 ikkonfermat li hi u l-attrici u xi hbieb hargu bhas-soltu, l-ewwel *song festival* f’Bugibba mbaghad Gianpula, u wara was[s]let habiba taghhom il-Fgura u baqghu sejrin lejn iz-Zurrieq. Il-konvenuta kkonfermat ukoll li hi kienet qed issuq u l-attrici kienet ma’ genbha minghajr is-*seat-belt*. Imbaghad tkompli: ‘*F’daqqa wahda rajt dawl qawwi f’ghajnejja u grat l-accident. Kienet head-on collision, cioè l-genb tal-karrozza mal-hajt. Meta ftaht ghajnejja rajt il-windscreen miksur, naf li fittixt lil Nancy, peress li kienet ma’ genbi, u ma sibthiex. Gew in-nies ighinuni nohrog mill-karozza. Jien hrigt. Komplew jiehdu hsieb in-nies. Jien ma kontx liebsa s-seat-belt,*

*lanqas (dak iz-zmien ma kienx compulsory)*.' Il-konvenuta qalet ukoll li ntilfet ghal certi mumenti fil-hin tad-daqqa u meta fethet ghajnejha sabet in-nies fuqha. Il-hin kien ghal xis-1.30 a.m. tal-Hadd u kienet ilha mqajjma mis-Sibt filghodu.

"Xehed ukoll P.S. 1448 V. Buttigieg (seduta tal-15 ta' Ottubru 1998) li pprezenta kopja ta' l-iskizz (Dok. VB1) li turi l-vettura tal-konvenuta kif sabha wara l-incident u kopja ta' l-okkorrenza (Dok. VB2) u qal li m'ghandu xejn x'izid ma' dak li hemm miktub fl-okkorrenza. Fl-okkorrenza nsibu mnizzel hekk: '*Meta mistoqsija mill-Pulizija, Odette Camilleri qalet li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Hal-Luqa lejn iz-Zurrieq, f'hin minnhom tilfet il-kontroll ta' sewqan bil-konsegwenza li dahlet gol-hajt. Nancy Caruana meta giet mistoqsija mill-Pulizija qalet li fil-hin tal-accident hija kienet rieqda u ma tafx x'gara*'.

"Il-konvenuta ssottomettiet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li hemm fatturi bhal forza magguri jew *casus* li jistghu jezentaw anke lilha minn kwalunkwe responsabiltà ghall-akkadut u li mhuwiex fuqha l-oneru tal-prova li turi li l-incident sar minhabba *casus* jew *vis maior* izda jinkombi lill-attrici tistabilixxi li l-konvenuta saqet b'nuqqas ta' diligenza u bhala fatt ma rrizulta xejn.

"Fir-risposta taghha l-attrici iddikjarat li hi ma kellha l-ebda dover li tipprova xi haga, partikolarment fil-kaz tal-*casus*. Mill-provi migjuba kien evidenti li l-incident kienet responsabbli ghalih il-konvenut. Din kemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, kif ukoll fix-xhieda taghha, qatt ma kienet tat indikazzjoni li l-incident kien wiehed fortwit. Il-dawl li allegatament rat f'ghajnejha semmietu biss fl-ahhar tal-kawza a fol 70. Mill-ittra li s-socjetà assikuratrici kienet baghtet lill-attrici, kien ovvju li huma u wkoll il-konvenuta kienu anzi accettaw il-htija shiha ta' l-incident.

"Il-Qorti hawn tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet *Paul Vassallo et vs Carmelo Pace* moghtija fil-5 ta' Marzu 1986 (Qorti ta' l-Appell, Vol. LXX.ii.143):

‘*Il-piz tal-prova ta’ dak li hemm allegat fic-citazzjoni, cioè li l-incident hemm imsemmi gara minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali **ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat**. Il-Qrati taghna però, fuq l-iskorta ta’ awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f’kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f’kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f’kawza kriminali l-htija ta’ l-akkuzat trid tigi ppruvata **beyond reasonable doubt**, f’kawza civili bizzejjed li jkun hemm **moral certainty**, certezza morali f’mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm **a mere possibility**. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f’kawza civili, hija l-effett tal-**balance of probabilities**.*

*… min jallega li dak li gara kien dovut ghall-**inevitable accident** bhal ma qed jaghmel il-konvenut f’dan il-kaz, fejn qed jghid li dak li gara kien dovut ghal **casus** ghandu l-obbligu li jippruvah. Dan il-principju huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrali u gie mehud mid-dottrina u gurisprudenza Ingliza. Hekk, per ezempju, l-awtur Charlesworth, **The Law of Negligence**, pagna 512, Josserva: **The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up**.*’

“Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet *Giuseppa armla Fenech vs Geraldu Cassar* moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta’ Gunju 1986 (Vol. LXX.ii.562) li ccitat il-*Phillips, Treatise on the Law of Evidence*, Page 189: ‘*Although in general it is necessary for a party who brings an action to prove all the material facts which he alleges in support of his claim, yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defendant’s liability, then the burden of the proof lies on the defendant, not upon the palintiff*’. U qalet li dan gie accettat mill-Qrati taghna.

“Issir ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet *Alfred Shead vs Anthony Degiorgio et noe* fil-5 ta’ Novembru 1984 fejn saret referenza ghal *Terrell, Law of Running Down Cases*: *‘In some cases arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of defendant’s vehicle has also been negligent*’.

“Fil-kaz in ezami c-cirkostanzi li jemergu mill-provi jaghtu dan ix-xenarju: Il-partijiet kienu qed jirritornaw id-dar wara l-harga taghhom tas-Sibt filghaxija. Il-hin kien ghall-habta tas-1.30 a.m. tal-Hadd. L-attrici kienet passiggiera quddiem. Ghalkemm l-attrici ma tghidx li raqdet fil-karozza meta xehdet (mentri mill-okkorrenza jidher li qalet lill-Pulizija li kienet rieqda meta gara l-incident) il-fatt li qalet li l-ahhar li tiftakar id-dawl ta’ l-ajruport jista’ jindika li raqdet f’dawk l-inhawi. L-incident gara f’Valletta Road, Zurrieq. L-impatt mal-hajt kien wiehed vjolenti. Il-konvenuta stess, mistoqsija dwar il-hsara fil-karozza, tghid li l-genb kollu tax-xellug milqut sew, is-saqaf tghaffeg, daqqa kbira fuq il-*mudguard* u r-rota tax-xellug b’mod li ma baqghux jintgharfu; bieghetha bhala *carcass* ghax biex tigi riparata kienet tigi kwazi daqs karozza gdida. Anke l-feriti li garrbet l-attrici kienu rimarkevoli kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti. Il-konvenuta tghid li tilfet il-kontroll. Lill-Pulizija hekk qaltilhom u kien biss fi stadju avanzat tal-kaz li semmiet li rat dawl qawwi. Tikkawza l-entità ta’ danni li l-konvenuta kkawzat ghax ma tkunx qed issuq bi *speed* li jmissek fic-cirkostanzi attwali. It-triq fejn gara l-incident hija triq wiesa’. Ma jirrizultax li kienet ostakolata fi triqitha. *Dato non concesso* li rat dawl qawwi, il-kontroll shih tal-vattura jfisser li tista’ tagixxi tempestivament biex tevita dannu. Il-konvenuta tippretendi li tallega li l-incident seta’ sehh b’*casus* jew anke *vis maior* u ma tippruvahx. Ghall-Qorti c-cirkostanzi jippuntaw ghan-nuqqas ta’ prudenza ta’ sewqan tal-konvenuta li ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident u d-danni konsegwenzjali.

"Fis-sottomissjonijiet taghha l-konvenuta tirreferi wkoll ghall-fatt li la hi u lanqas l-attrici ma kienu lebsin *seat-belt*. Fin-nota taghha ghalhekk irreferiet ghall-principju fid-Dritt Civili *volenti non fit iniuria* u ghall-possibilità ta' apporzjonament tar-responsabiltà. Taghmel ukoll riferenza ghal materjal Anglo-Sassonu fir-rigward.

"Fir-risposta taghha l-konvenuta [*recte*: l-attrici] tghid li fiz-zmien in kwistjoni l-uzu tas-*seat-belt* ma kienx obbligatorju, li l-konvenuta trid tipprova li meta tellghet lill-attrici bhala passiggiera qaltilha biex tilbsu u din naqset milli tilbsu (haga li m'ghamlitx, anzi rrizulta li lanqas hi ma libsitu), u li bl-uzu tas-*seat-belt* kienu jigu evitati l-feriti li garrbet l-attrici (ukoll li m'ghamlitx il-konvenuta). Dwar il-principju *volenti non fit iniuria* qalet li l-applikazzjoni ta' dan il-principju jippresupponi tliet elementi: il-prevedibilità tal-periklu, ir-regolamenti sabiex dak il-periklu jigi evitat ghal kollox jew biex il-probabilità tieghu tigi b'xi mod imnaqqsa, u l-ksur volontarju ta' dawk ir-regolamenti da parti ta' min wegga'.

"Fir-replika taghha l-konvenuta qalet li l-kwistjoni ta' l-uzu tac-cinturin ta' sigurtà kien punt ta' dritt u mhux ta' prova kif donnu kien qed jigi suggerit. Il-kwistjoni li l-konvenuta kienet naqset milli tavza jew tigbed l-attenzjoni tal-konvenuta [*recte*: attrici] dwar l-uzu tieghu kienet irrilevanti ghaliex il-proprju kwistjoni kienet tirrigwarda l-principju li hadd ma seta' jitfa' fuq terzi dak li gara b'responsabbilità totali jew parzjali tieghu. Ziedet tghid il-konvenuta li lanqas ma ngabet prova li kieku l-attrici kienet liebsa c-cinturin tas-sigurtà allura kienet issofri anqas danni u dan proprju ghaliex mhuwiex fatt li sehh u ghalhekk jista' jigi ppruvat.

"In kontro-replika l-attrici tghid li hadd ma seta' jghid li s-*seat-belt* kien jimminimizza d'danni ghax dan ma kienx obbligatorju u fi kwalunkwe kaz min jirreklama li l-uzu tieghu kien inaqqas id-danni hu obbligat li jipprova sal-grad li titlob il-ligi dak li jkun qed jirreklama.

"Il-Qorti tirreferi mill-gdid ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet *Paul Vassallo et vs Carmelo Pace* fejn intqal hekk:

'*B'riferenza ghall-imsemmi principju* ***volenti non fit iniuria****, ic-Charlesworth, Law of Negligence, pagna 498, josserva: 'A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*

*Huwa evidenti li fil-kaz prezenti zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi ftehim espress bejn Margaret Vassallo u l-konvenut li hija tiehu r-riskju fuq imsemmi.* (Dan kien kaz tragiku fejn Vassallo kienet passiggiera mal-konvenut fil-karozza tieghu weqfin hdejn xatt-il bahar u l-karozza mxiet ghal gol-bahar.) *Lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma kien hemm xi ftehim tacitu biex tassumi l-imsemmi riskju. Biex ikun hemm dan il-ftehim tacitu jehtieg li jigi ppruvat li Margaret Vassallo kellha xjenza pjena tan-natura u estensjoni tar-riskju li kienet qieghda tassumi u li jigi ppruvat ukoll li meta assumiet ir-riskju, hija ghamlet dan bil-ftehim li r-riskju jaqa' fuqha u mhux fuq haddiehor, u dan ghaliex il-massima hija* ***volenti non fit iniuria*** *u mhux* ***scienti non fit iniuria****. Kif ighid ic-Charlesworth, op. cit. Pagna 498: '… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is* ***volenti non fit iniuria*** *and not* ***scienti non fit iniuria****. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*'.

"Fil-kaz in ezami huwa minnu li l-attrici ma kienitx liebsa *seat-belt*. Izda lanqas il-konvenuta ma kienet libsitu. Inoltre l-uzu tas-*seat-belt* kien ghadu mhuwiex

obbligatorju. Kif gustament osservat l-attrici ma jirrizultax li l-konvenuta kienet talbet lill-attrici tilbsu u li din naqset li taghmel hekk. Ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet la espress u lanqas implicitu li f'kaz ta' dannu r-riskju jaqa' fuq l-attrici. L-uniku ftehim li jidher li kien hemm kien li meta johorgu nhar ta' Sibt daqqa tmur l-attrici ghall-konvenuta u daqqa l-konvenuta ghall-attrici. Fil-gurnata in kwistjoni kienet il-konvenuta li tat *lift* lill-attrici u d-dover taghha kien li ssuq bi prudenza u twassalha lura z-Zurrieq shiha u mhux tispicca mwegga' f'incident awtomobilistiku. Barra minn hekk u ghal kull bwon fini qieghed jinghad li minn imkien ma jirrizulta li kieku l-attrici kienet liebsa s-*seat-belt* d-dannu kien jonqos. B'hekk ma jistax jitqies li kien hemm xi kontributorjetà minhabba n-non-uzu tas-*seat-belt*.

"Ghalhekk il-konvenuta trid twiegeb unikament ghad-danni sofferti mill-attrici u l-Qorti se tghaddi biex tillikwida l-istess:

"***Damnum emergens***

"Fin-nota responsiva taghha tat-2 ta' Gunju 2000 l-attrici elenkat is-segwenti bhala spejjez li nkorriet:

| | |
|---|---|
| Mr. J. Casaletto | Lm 20.00 |
| Mr. C. Grixti (Dok. F) | Lm 50.00 |
| Mr. J. Briffa (Dok. G) | Lm 28.00 |
| Mr. P. Borg | Lm 3.00 |
| 5 gimghat xoghol mitlufa Lm457.60 | |
| Telf ta' *overtime* (ammont kalkolat) | Lm100.00 |
| Ilbies ta' l-attrici fil-hin ta' l-incident | Lm 54.00 |
| Lm712.60 | |

"Dawn id-danni ma gewx konfermati bil-gurament mill-attrici ghalkemm mill-banda l-ohra l-konvenuta ma kkummentat xejn dwarhom. Il-Qorti jkollha tosserva li dwar l-ammonti pretizi bhala mhallsa lil Mr. J. Casaletto u Mr. P. Borg ma giet prodotta l-ebda rcevuta; il-hames gimghat xoghol mitlufa ma jirrizultawx la mid-dokumenti u

lanqas mix-xiehda taghha. Dwar l-*items* l-ohra, mid-Dok. F (a fol. 14) jirrizulta li din hija rcevuta ghal Lm40 (u mhux Lm50), mid-Dok. G (a fol. 15) jirrizulta li din hija rcevuta ghal Lm25 (u mhux Lm28), dwar it-telf ta’ *overtime* l-attrici (li dak iz-zmien kienet ghadha tahdem fl-*examinations office* l-Furjana filwaqt li llum tahdem il-VAT office) xehdet li kien iz-zmien meta s-soltu jaghmlu *overtime* peress li f’Awissu jibdew ir-registrazzjonijiet tal-GCE tal-*London University*, u dwar l-ilbies taghha f’hin l-incident ghalkemm mhux sopportat minn dokumenti hija pretensjoni gusta u ragonevoli. Inoltre jirrizulta pagament iehor li ghamlet ghall-iskizz u rapport tal-Pulizija (Dok. H a fol. 16) fl-ammont ta’ Lm3.45.

“L-ammont li qed jigi likwidat bhala *damnum emergens* huwa ghalhekk dan:

| | |
|---|---|
| Mr. C. Grixti | Lm 40.00 |
| Mr. J. Briffa | Lm 25.00 |
| Telf ta’ *overtime* | Lm100.00 |
| Ilbies fil-hin ta’ l-incident | Lm 54.00 |
| *Police report* | Lm 3.45 |
| | Lm222.45 |

“***Lucrum cessans***

“Fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Mejju 1990 fl-ismijiet *Mario Camilleri vs Mario Borg et noe* (Vol. LXXIV.iii.512) din il-Qorti diversament presjeduta qalet: ‘*Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija li fil-limiti* ***tar-realtà*** *u kemm* ***huwa possibbli****, terga’ tpoggi lill-vittma, ta’ kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … Huwa ingust li f’dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta’ l-att illegali u ingust ta’ haddiehor mhumiex possibbli, ma tassikurax kemm tista’ kompensazzjoni adegwata*.’ Ghalhekk il-Qorti issa sa tghaddi ghal-likwidazzjoni ta’ dawk id-danni li jidhru gustifikati fic-cirkostanzi.

"L-ewwel li jrid jigi determinat [hu] il-persentagg ta' dizabilità li sofriet l-attrici. Hija qed tippretendi li dan ghandu jitqies bhala 20%, kwantu ghal 10% skond id-Dok. B (a fol. 7) rilaxxat mill-*plastic and reconstructive surgeon* Mr. Joseph E. Briffa, u 10% skond id-Dok. D (a fol. 10) rilaxxat mill-*consultant orthopædic surgeon* Mr. Charles Grixti.
"Fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat il-konsulent ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel bhala espert mediku li ezamina lill-attrici erba' snin u nofs wara l-incident. Huwa kkummenta li l-attrici kienet garrbet ticrita fuq mohha li fieqet b'merk li ccara bosta u bilkemm jidher mill-boghod izda jigi jidher meta tkemmex mohha. Garrbet merk iehor twil pulzier u wiesa' kemmxejn anqas fuq il-genb ta' l-ghaksa x-xellugija u wegghet il-ligamenti ta' l-istess gog. Dan halla ftit tan-nefha permanenti, wisa' ta' gilda cikatrizzata bla sensazzjoni u skomdu fil-gog meta tilbes tkaken gholjin. L-ghadma ulna ghaqdet u qsaret minimament u jidher li ghalkemm ghadda z-zmien il-muskoli tad-driegh dominanti baqghu ma nbnewx ghal kollox. Huwa ddetermina d-dizabilità fl-ammont ta' 7%.

"L-attrici xehdet li baqghet tbati mis-segwenti konsegwenzi:

1. kienet konxja hafna tal-punti ta' fuq mohha,
2. riedet toqghod attenta sabiex ma tiehux skossi f'idejha li
jikkawzaw ugiegh kbir,
3. kienet ukoll konxja hafna minn cikatrici fuq l-ghaksa,
4. ma setghetx tilbes aktar zarbun b'takkuna gholja,
5. kellha tieqaf milli tilghab in-*netball* bhala konsegwenza tal-
hsara li kienet sofriet f'idejha, u dan inkluz li ma baqghetx tilghab fit-*team*,
6. ma setghetx timxi fit-tul ghaliex kienet tieqaf bl-ugiegh u dan in
vista tal-fatt li x-xoghol taghha ta' *VAT Inspector* kien jinvolvi
mixi fit-tul u wkoll lanqas ma setghet tilbes certu hwejjeg ghall-

Qorti meta kienet titla’ tixhed.

“Minn l-ahhar gimgha ta’ Jannar 1997, kienet bdiet thoss ugiegh f’sieqha u din kienet sahansitra tintefah. Gie pprezentat minnha certifikat mediku tat-Tabib Kalcidon Zammit (Dok. L).

“Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha toqghod fuq dak li ddetermina l-espert mediku minnha mqabbad peress li seta’ jaghmel evalwazzjoni tal-grad ta’ fejqan tad-diversi feriti li garrbet l-attrici. Però hi tal-fehma li ma tistax tinjora r-rapport imhejji mill-konsulent Mr. Josep Briffa li jghid:

‘*Although these scars in themselves do not cause a great deal of physical disability, they have had a profound psychological effect. This is of course mainly attributable to the facial scar. Miss Caruana is a single female whose facial features have been permanently disfigured. The ankle scar is also unsightly on a young lady’s leg. Miss Caruana has become very self-conscious of the scar on her forehead and feels that this is affecting her lifestyle. Furthermore, she will be under medical care for all her various injuries for some time to come and may have to undergo further surgery to both her forehead as well as her ankle. I must once again stress that this has caused Miss Caruana a great deal of psychological upset*.’

“Fid-dawl ta’ dan kollu, tar-rapporti medici pprezentati u tal-provi mismugha, il-Qorti qed tistabilixxi *arbitrio boni viri* l-persentagg ta’ dizabilità permanenti bhala 12%.

“Bhala *multiplier* il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta’ l-attrici. Difatti l-attrici kellha tletin sena meta gara l-incident u stante li normalment il-mara tilhaq l-età pensjonabbli ta’ sittin sena, se tadotta *multiplier* ta’ 30 sena.

“In kwantu d-dhul annwu, jirrizulta mid-dokumenti esibiti li fl-1996 id-dhul *gross* taghha kien ta’ Lm7676.66 (Dok. 05), jigifieri medja ta’ Lm147.63 fil-gimgha. Tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-hajja, iz-zidiet moghtija kull sena

ghall-gholi tal-hajja u sahansitra l-valur dejjem jonqos tal-*purchasing power* tal-flus, il-Qorti taqbel li jsir kalkolu a bazi ta’ qliegh settimanali ta’ Lm160.

“Id-danni jridu ghalhekk jigu komputati hekk:

Lm160 fil-gimgha x 52 gimgha x 30 sena = Lm249,600
Rata ta’ dizabilità: 12% = Lm 29,952

“Peress li l-incident gara madwar sitt snin u nofs ilu se titnaqqas 10% ghal *lump sum payment*, u ghalhekk il-kwantum li qieghed jigi likwidat bhala *lucrum cessans* huwa ta’ Lm26,956.80.

“Il-kumpens totali huwa ghalhekk dan:

*Damnum emergens* Lm 222.45
*Lucrum cessans* Lm29,952.00

Lm30,174.45”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuta illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi tigi revokata, imhassra u annullata s-sentenza appellata u dan billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet taghha u billi jigu michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi s-sentenza appellata hi ekwa u gusta u timmerita li tigi konfermata fil-partijiet kollha taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuta kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta' l-appell huma:
"a. giet akkollata r-responsabilità shiha fuq il-konvenuta Appellanti u ma nghata ebda piz ghall-fatt illi l-attrici stess - *ex admissis* - ma kienitx liebsa *seatbelt*;
b. il-Qorti addottat *arbitrio boni viri* percentwali ta' dizabilità ta' 12% u skartat l-opinjoni tal-espert taghha stess;
c. il-metodu uzat ghall-kwantifikazzjoni tad-danni"

Ikkunsidrat:

Illi sabiex tissostanzja l-ewwel (1) aggravju taghha l-appelanti taghmel is- sottomissjonijiet segwenti:
(i) l-incident in kwistjoni gara b'*casus* jew *vis major* "… ghaliex il-prova dwar ir-responsabilità taghha [ta' l-appellanti] ma gietx stabbilita;
(ii) il-fatt pruvat illi fil-hin ta' l-incident in kwistjoni l-attrici ma kienitx liebsa *seat-belt* ikkontribwixxa ghall-istess incident u ghad-danni konsegwenzjali illi sofriet l-attrici,

Illi, fir-realtà, dak illi qed issostni l-appellanti permezz tas-sottomissjoni (i) huwa illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi prodotti. Dina l-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni ghaliex, wara illi ezaminat l-atti processwali, taqbel perfettament ma' dak illi jinghad fis-segwenti silta tas-sentenza appellata (fol. 151):
"Il-konvenuta … tallega li l-incident sehh b'*casus* jew anke *vis maior* <u>u ma tippruvahx</u>. Ghall-Qorti c-cirkostanzi jippuntaw ghan-nuqqas ta' prudenza ta' sewqan tal-konvenuta li ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident u d-danni konsegwenzjali." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi, kif jinghad tajjeb fis-sentenza appellata, kien jinkombi fuq il-konvenuta illi tipprova l-*casus* jew il-*vis maior* minnha allegati;

Illi jekk il-fatt illi l-attrici ma kienitx liebsa *seat-belt* ikkontribwiex ghall-incident *de quo* u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici hija ukoll kwistjoni ta'

apprezzament tal-provi prodotti. Anke f'dan ir-rigward dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi prodotti meta waslet ghall-konkluzjoni illi "… ma jistax jitqies li kien hemm xi kontributorjetà [da parti ta' l-attrici] minhabba n-non-uzu tas-*seat-belt*" fil-hin ta' l-incident;

Illi, ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti, dina l-Qorti ma tistax tifhem kif l-istess appellanti issostni illi l-ewwel Qorti "skartat l-opinjoni tal-espert taghha stess" meta fis-sentenza appellata jinghad (fol. 156):
"Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha toqghod fuq dak li ddetermina l-espert mediku minnha mqabbad peress li seta' jaghmel evalwazzjoni tal-grad ta' fejqan tad-diversi feriti li garrbet l-attrici."

L-ewwel Qorti, imbaghad, ziedet tghid hekk:
"Però hi tal-fehma li ma tistax tinjora r-rapport imhejji mill-konsulent Mr. Joseph Briffa …";

u, wara illi qieset dan l-ahhar imsemmi rapport, ikkonkludiet hekk:
"Fid-dawl … tar-rapporti medici pprezentati u tal-provi mismugha, il-Qorti qed tistabilixxi *arbitrio boni viri* l-persentagg ta' dizabilità permanenti bhala 12%."

Dina l-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba din id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Fuq kollox, l-istess appellanti fis-sottomissjonijiet taghha dwar l-aggravju in ezami, lealment irrikonoxxiet illi (para. 12 tar-rikors ta' appell):
"Il-prassi hija normalment … illi l-Qorti thossha illi ma ghandhiex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet ta' l-esperti taghha, minghajr raguni serja u valida. B'danakollu, l-esponenti taf u taghraf illi l-Qorti <u>kellha kull dritt u poter tikkonkludi hekk</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Illi, ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellanti ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tielet (3) aggravju kontra s-sentenza appellata, l-ilmenti tal-konvenuta huma limitati ghal dik il-parti tas-sentenza fejn gie stabbilit l-ammont ta’ danni dovut lill-attrici minhabba l-*lucrum cessans*; dawn l-ilmenti huma tlieta (3):

(a) illi t-terminu ta’ tletin (30) sena ghall-finijiet tal-*multiplier* huwa eccessiv ghaliex, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… il-prassi ragjonevoli hija ta’ hamsa u ghoxrin sena”;

(b) illi bhala bazi ghall-kalkolu tal-*lucrum cessans* ma kellux jittiehed introjtu ta’ Lm160 fil-gimgha;

(c) illi t-tnaqqis in vista tal-*lump sum payment* ma kellux ikun ta’ ghaxra fil-mija (10%) izda ta’ ghoxrin fil-mija (20%);

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment (a) huwa gustifikat meta jittiehdu in konsiderazjoni l-fatt illi meta sehh l-incident in ezami l-attrici kellha tletin (30) sena u l-kontingenzi tal-hajja futura. Ghalhekk, aktar ’l quddiem sejrin isiru l-aggustamenti mehtiega fl-ammont likwidat ghall-finijiet tal-*lucrum cessans*;

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment (b) mhux fondat ghaliex dina l-Qorti taqbel illi, mehuda in konsiderazzjoni l-fatt illi meta gara l-incident imsemmi l-attrici kellha medja ta’ dhul *gross* ta’ Lm147.63 fil-gimgha u z-zidiet f’dan id-dhul illi huma normalment mistennija matul il-25 sena hawn fuq imsemmija, l-ammont ta’ Lm160 fil-gimgha bhala medja ta’ dhul ghall-finijiet tal-kalkolazzjoni tal-*lucrum cessans* huwa ragjonevoli u, konsegwentement, gustifikat;

Ikkunsidrat:

Illi sabiex issostni l-ilment (c) l-appellanti tissottometti hekk fir-rikors ta' appell taghha:
"L-orjentament gurisprudenzjali li jonqos il-lump sum payment huwa marbut ma' zewg fatturi: tul ta' zmien minn beda [*recte*: meta] inbdiet il-kawza u mhux minn meta sar l-incident u li it-tul ikun inordinat."

Dina l-Qorti taqbel illi, ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relativa u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relativ. Ciònonostante, ma hemmx lok ghall-varjazzjoni tat-tnaqqis a bazi ta' 10% ghaliex, b'rizultat tal-proceduri odjerni ta' l-appell, inizjati mill-konvenuta, issa già ghaddew tmien (8) snin minn meta giet intavolata ic-citazzjoni in ezami. Jekk kellux jigi konsidrat illi kien hemm dewmien inordinat fit-trattazzjoni tal-kawza, fl-ewwel istanza, hija materja mhollija fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti u mhux opportun illi dina l-Qorti tiddisturba l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni;

Ghar-ragunijiet illi ghadhom kemm inghataw, l-ilment (c) in ezami mhux fondat.

Dan stabbilit, però, dina l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, fis-sentenza appellata, bi svista apparenti, ghalkemm jinghad illi mis-somma kalkolata Lm29,952 ghall-finijiet tal-*lucrum cessans* kellu jitnaqqas 10% minhabba *lump sum payment* u gie kalkolat ukoll l-ammont realment dovut wara dan it-tnaqqis, jigifieri Lm26,956.80, l-ammont illi l-konvenuta giet effettivament kundannata illi thallas lill-attrici bhala *lucrum cessans* huwa dak minghajr l-imsemmi tnaqqis ta' 10%. Dina l-Qorti sejra taghmel tajjeb ghal dan il-*lapsus*;

Ikkunsidrat:

Illi, fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell l-attrici ssottomettiet illi:
"L-appellanti ma ghamlet ebda talba ghar-riforma tas-sentenza, anqas bhala domanda alternattiva ghat-talba tar-revoka u thassir tal-istess sentenza;"

Din is-sottomissjoni hija valida. Tajjeb illi jinghad, però, illi n-nuqqas relativ ta' l-appellanti ma jimpurtax in-nullità tar-rikors ta' appell (art. 143(5), Kap. 12). Tajjeb illi jinghad ukoll, illi quddiem dina l-Qorti l-attrici ma jirrizultax illi nsistiet fuq din is-sottomissjoni taghha. Kieku saret din l-insistenza, dina l-Qorti kienet tissana n-nuqqas ta' l-appellanti bis-sahha tal-poteri moghtija lilha bic-citat artikolu 143(5), Kap. 12. F'dawn ic-cirkostanzi, huwa opportun illi, fid-dawl ta' dak illi inghad sa issa s-sentenza appellata tigi riformata. Dan in-nuqqas ta' l-appellanti, però, sejjer jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti sejra issa taghmel l-aggustamenti mehtiega - fid-dawl tal-kosiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' hawn fuq - fl-ammont dovut lill-attrici in linea ta' danni minhabba il-*lucrum cessans*.: l-ammont ta' Lm249,600 kalkolat mill-ewwel Qorti a bazi ta' *multiplier* ta' 30 sena qed jigi ridott ghal mitejn u tmint elef lira (Lm208,000) a bazi ta' *multiplier* ta' 25 sena; 12% (ir-rata ta' dizabilità) ta' Lm208,000 jekwivalu ghal erbgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin lira (Lm24,960); tnaqqis ta' 10% minn LM24,960 minhabba *lump sum payment* iwassal ghas-somma finali ta' tnejn u ghoxrin elf, erbgha mija u erbgha u sittin lira (Lm22,464) realment dovuta minhabba il-*lucrum cessans*. Ma' din is-somma ta' Lm22,464 irid jizdied l-ammont ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm222.45) likwidat fis-sentenza appellata bhala *damnum emergens* (illi fuqu ma hemmx kontestazzjoni), total ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u tmenin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm22,686.45);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza fis-sens illi, filwaqt illi tikkonfermaha kwantu laqghet l-ewwel (1) talba attrici, ordnat illi l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenuta u kkundannat lill-konvenuta thallas l-imghax mid-data tas-sentenza appellata, tirrevokaha kwantu,

ghall-finijiet tat-tieni (2) talba attrici, illikwidat l-ammont ta' danni fl-ammont ta' Lm30,174.45 u minflok tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' Lm22,686.45, tirrevokaha kwantu, ghall-finijiet tat-tielet (3) talba attrici, ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' LM30,174.45 u minflok tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' Lm22,686.45;

Tordna illi, stante n-nuqqas ta' l-appellanti illi titlob illi s-sentenza tigi riformata, l-ispejjez kollha ta' din l-istanza jigu sopportati mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------